**NOMINA TAS-SUR PIERRE FAVA GĦALL-ĦATRA TA’ CHAIRPERSON GĦALL-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. Tista’ telabora ftit fuq il-karriera professjonali tiegħek?

Jiena studjajt il-kulleġġ ta’ De La Salle sakemm imbagħad mort l-Università u hemm segwejt kors ta’ sentejn għal Accountant imbagħad qlibt għal Kors tal-Farmaċija. Wara li gradwajt ħdimt ma’ Boots fl-Ingilterra għal sentejn u wara ġejt lura Malta fejn bdejt naħdem fil-business tal-familja bħala Managing Pharmacist f’waħda mill-ispiżeriji tal-group. Għamilt ukoll kors għal Masters hawn Malta u gradwajt bl-unuri speċjalizzat fil-Farmaċija Klinika, Patient Care u anke Quality of Life.
Illum jiena l-Kap Eżekuttiv tal-Chemimart Group, kariga li ilni nokkupa għal dawn l-aħħar tnax-il sena.
Kont nokkupa l-pożizzjoni ta’ President tal-Malta Employers Association, fejn kont anke Viċi President u President Anzjan għal diversi snin. Matul dan iż-żmien kont ukoll nirrappreżenta lill-istess għaqda fuq il-board ta’ MCESD. Sa ftit xhur ilu kont nokkupa pożizzjoni ta’ Chairman tal-BCRS għal sitt snin. Jiena wkoll Chairman tal-GreenPak COOP, kariga li ilni nokkupa sa mill-2018.

2. X’taħseb li kienu l-elementi ewlenin li wasslu għan-nomina tiegħek bħala Chairperson tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol?

L-esperjenza li jiena gwadanjajt matul is-snin fil-qasam kemm tax-xogħol kif ukoll matul id-diversi karigi li okkupajt fil-passat, tawni ħafna esperjenza dwar kif jitmexxa board ta’ kumpanija u anke board ta’ management ta’ Korp Kostitwit. Il-kumpanija tal-familja hija waħda stabbilita u għandha wkoll health and safety protocols skont il-liġi li tikkontrolla d-distribuzzjoni tal-mediċini. Dawn l-aħħar snin matul il-kariga tiegħi fil-BCRS għamilt ukoll protokolli għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kif ukoll verżjoni stampata għall-impjegati tal-kumpanija.

Il-liġi l-ġdida dwar is-Saħħa u s-Sigurtà tfasslet b’tali mod li l-bord ingħata l-funzjoni li jinkoraġġixxi u jsostni d-djalogu kostruttiv bejn il-korpi kostitiwiti, u għaldaqstant nemmen li nista’ nissodisfa dan l-irwol in vista tal-involviment attiv tiegħi fil-Malta Employers Association u anke fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.

3. Kif tiddeskrivi r-rwol ta’ Chairman tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol?

Iċ-Chairman għandu rwol ċentrali fis-superviżjoni tal-governanza u d-direzzjoni strateġika tal-awtorità. Iċ-Chairman għandu jippromwovi b’mod effettiv is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u jservi ta’ gwida għall-Eżekuttiv fl-implimentazzjoni ta’ inizjattivi u policies.

Huwa jippresjedi fuq il-laqgħat tal-bord u jiffaċilita l-kollaborazzjoni fost diversi stakeholders, filwaqt jiżgura l-konformità mal-obbligi legali u mal-prinċipji ta’ trasparenza u l-kontabilità.

Ir-rwol ta' Chairman hu prinċipalment biex ikun ta' komunikazzjoni bejn il-membri tal-bord u t-tmexxija tal-Awtorità. Il-business plan tal-Awtorità trid tiġi spjegata lill-Board biex bl-għajnuna taċ-Chairman jiġi segwit il-progress li jkun qed isir matul is-sena

Iċ-Chairman għandu jara li l-Board jimxi b'mod seren u ma tonqos qatt il-komunikazzjoni bejn il-partijiet. Iċ-Chairman għandu jwassal l-ideat tal-Board lit-tmexxijja tal- Awtorità b'mod effettiv u konformi ma' proċeduri stabbiliti.

4. X'inhuma, fl-opinjoni tiegħek, l-isfidi prinċipali li għandha l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol biex tilħaq l-objettivi tagħha kif stabbiliti fl-Att li waqqafha? X'taħseb li għandu jsir biex jibdew jingħelbu dawn l-isfidi?

Konxju li l- Awtorità kellha bżonn ta' riforma kemm fil-liġi kif ukoll bħala struttura u anke bidla fil-kultura inġenerali.

L-Awtorità qiegħda tagħmel upgrade tal-proċessi tagħha u tiġdid intern. Riżorsi kienu u jibqgħu dejjem ta' sfida, imma naħseb li b'dan it-tiġdid l-Awtorità se tkun qiegħda f'pożizzjoni aktar b'saħħitha biex jibdew jingħelbu dawn l-isfidi.

5. Liema taħseb li se jkunu dawk l-entitatjiet li l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol l-iktar se tikkollabora magħhom sabiex twettaq ħidmietha?

L-Awtorità għandha tisma' lil kull min ikollu xi jgħid f'dak li jirrigwardja is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Apparti d-diversi professjonisti fis-settur, l-ewwel entitajiet li jiġu f'moħħi huma dawk rappreżentati fuq il-Board. Imma nahseb li wkoll hemm skop li jsiru laqgħat ma' entitajiet oħra bħalma huma l-BCA u anke L-Awtorità tal-Ekonomija Ċirkulari u l-ERA u anke l-MDA fost oħrajn. Huwa anke ta' importanza li jkun hemm taħditiet ma' entitajiet bħal Trade Unions, Korpi Kostitwiti u anke DIER.

6. Jekk kemm-il darba tkun approvat, x'se jkunu l-prijoritajiet tiegħek għall-ewwel xhur ta' ħidma fl-Awtorità?

Naħseb l-Awtorità qiegħda tagħmel ħafna xogħol siewi li huwa importanti ħafna għaż-żminijiet tal-lum. Hemm bżonn li ssir ħafna ħidma fuq l-infurzar għax mingħajr dan l-element ma jkunx hemm riżultati. Suġġett li għandi għal qalbi ħafna huwa s-saħħa mentali, u naħseb f'dan ir-rigward hemm hafna x'jista' jsir fejn tidħol saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol.

7. Il-ħatra tiegħek hija waħda non-eżekuttiva, għaldaqstant, kif tara li tista' timplimenta l-objettivi tiegħek għall-Awtorità?

Naħseb ir-rwol taċ-Chairman huwa wieħed importanti ħafna biex jikkolega l-esiġenzi u l-bżonnijiet ta' dawk l-entitajiet li huma rappreżentati fuq il-Board. Huwa wkoll rwol siewi ħafna biex jara li x-xogħol tal-eżekuttiv jiġi mwettaq sewwa u jekk ikun hemm xi ostakoli jiġu milgħuba bla dewmien.

8. Tara li hemm xi materja jew għandek xi kunflitt ta' interess li jista' jtellfek mill-imparzjalità tiegħek fit-tmexxija tal-bord tal-Awtorità?

Ma narax li għandi kunflitt ta' interess f'dan ir-rwol ta' Chairman. Jiena dejjem kont imparzjali f'dak li nagħmel, nisma' lil kulħadd u nieħu deċiżjonijiet imwieżna u bla sentimentaliżmu.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Chairperson għall-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol?

Naħseb ir-rwol taċ-Chairman huwa wieħed importanti ħafna biex jikkolega l-esiġenzi u l-preokkupazzjonijiet ta' dawk l-entitajiet li huma rappreżentati fuq il-Board. Huwa wkoll rwol siewi ħafna biex jara li x-xogħol tal-Eżekuttiv jiġi mwettaq sewwa u jekk ikun hemm xi ostakoli jiġu milgħuba bla dewmien.

2. X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għall-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol?

L-ewwel ħaġa li nkun irrid nagħmel, diment li niġi approvat, hija li nifhem il-business plan preżenti u nara x'ġie mwettaq u kif u jekk hemm xi ħaħa li waqgħet lura nifhem għalfejn u nara kif nista' ngħin biex inkunu nistgħu nimxu 'l quddiem. Minn hemm 'il quddiem inkun irrid niltaqa' mal-entitajiet rappreżentati ħalli nifhem aħjar x'qegħdin jistennew mill-Awtorità u kif nistgħu nimxu 'l quddiem bil-pjanijiet ta' kulħadd.

3. Xi sfidi tara li għandha quddiemha l-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol?

Bħal kull Awtorità, l-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol għandha l-isfida li jrid ikollha għajnejha kullimkien il-ħin kollu. Li rrid ngħid huwa li l-Awtorità jrid l-ewwel nett ikollha r-riżorsi neċessarji biex twettaq xogħolha sew. Fl-opinjoni tiegħi l-Awtorità dejjem kellha sfida f'dan ir-rigward u għalhekk iridu naraw kif fiż-żmien li ġej se nkomplu nattiraw aktar nies imħarrġa f'dan is-settur li jingħaqdu mal-Awtorità biex twettaq il-funzjoni tagħha, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-aspett ta' infurzar.

4. X'taħseb li għandhom ikunu l-kisbiet tal-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol matul il-ħames snin li ġejjin?

Illum għandna landscape ta' xogħol li qed jevolvi ta' kuljum u naħseb l-akbar kisba għandha tkun li l-Awtorità tkun kapaċi timxi maż-żminijiet u tadatta għall-bidla b'rata aktar mgħaġġla. Il-preżenza tagħha għanda tinħass billi tkun aktar aċċessibbli u għandu jkun hawn aktar awareness fuq il-ħidma tagħha.

5. Kif tiddeskrivi l-qagħda tal-persuni fuq il-postijiet tax-xogħol f'diversi setturi f'pajjiżna?

Naħseb li pajjiżna għamel kisbiet pożittivi ħafna għall-kundizzjonijiet fuq il-post tax-xogħol. Imma naħseb ukoll li għad hemm ħafna x'jista' jsir. Pereżempju s-saħħa mentali hija suġġett li għandu jiġi diskuss u anke kif il-kondizzjonijiet fuq il-post tax-xogħol jaffettwaw l-istat mentali tal-individwu.

6. Kif tiddeskrivi l-qagħda tas-sigurtà offruti lill-ħaddiema tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol tagħhom?

Naħseb li wara l-Covid stajna naraw li s-settur tas-saħħa kien ippreparat sewwa ħafna għall-isfidi li ħabbat wiċċu magħhom. Hawnhekk rajna li s- saħħa tal-ħaddiema fis-settur ġiet protetta bla preċedent. Illum irridu ukoll nagħtu importanza lis-saħħa mentali ta' dan is-settur kif ukoll nevitaw sitwazzjonijiet ta' burnout tal-ħaddiema.

7. X'taħseb li kienu n-nuqqasijiet fis-settur tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol matul l-aħħar għaxar snin f'pajjiżna?

Nemmen li ma konniex wisq iffukati biex nassiguraw li jkollna l-ammont neċessarju ta' nies imħarrġin fis-settur. Dan is-settur huwa wieħed li jevolvi kontinwament u jinħtieġu persuni b'għarfien u preparazzjoni neċessarja.

8. X'taħseb li kienu l-kisbiet ewlenin fis-settur tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għal dawn l-aħħar għaxar snin f'pajjiżna?

Nemmen li l-liġi, li kienet approvata unanimament fil-Parlament wara proċess ta' konsultazzjoni, kien pass importanti li se jkun qed jiddetermina kif din l-Awtorità se tkun qed taħdem u żżid l-impenn tagħha fis-snin li ġejjin. Irrid ukoll nsemmi kif f'pajjiżna għandna kumpaniji li verament jabbraċċaw in-neċessità tas-saħħa u s-sigurtà u għandna nippromwovuhom bħala best practice.

9. X'karigi oħra beħsiebek tkompli tokkupa jew tassumi f'każ li tiġi maħtur Chairperson tal-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol?

Dawk il-Karigi li diġà nokkupa, bħala Kap Eżekuttiv tal-kumpanija tal-familja u Chairperson tal-Board tal-GreenPak COOP.

10. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser joħolqu kunflitt ta' interess f'każ li tiġi maħtur Chairperson tal-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol?

Kif diġà ddeskrivejt, jiena Kap Eżekutiv tal-kumpanija tal-familja li tħaddem diversi spiżeriji u għandha wkoll id-distribuzzjoni ta' prodotti varji fosthom mediċini u prodotti tas-sbuħija.

Ma nara l-ebda kunflitt ta' interess ladarba niġi maħtur Chairperson tal-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.